**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU SITTA U ERBGĦIN 22TA' MARZU, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **46.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 46.1.1 | | Ma kienx hemm ittri ta' appoloġija x'jinqraw. |
| | | |
| **46.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 46.2.1 | | Fir-rigward ta' punt 45.4.5 Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• li wara laqgħa li hu u s-Sindku kellhom ma' Infrasturcture Malta t-trinka li saret fis-service road ta' Vjal il-Blue Grotto li kellha ssir resurfacing tat-trinka biss, saret il-wisa tat-triq kollha.<br>• Staqsa fuq il-headsets tal-impjegati tal-Kunsill. – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid iġġib stima oħra għax s'issa żewġ stimi biss għandna.<br>• Community Police – jenfasiżżaw aktar fuq il-parking tal-pjazza u l-akwati u li hemm bżonn li jsir refresh tal-marki tat-toroq tal-Misraħ. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Staqsa x'sar fuq iċ-ċnut tal-għelieqi ta' Ħal Millieri – Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bagħtet email lill-PW. |
| | | |
| 46.2.2 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia staqsa fuq il-kors ta' ħidma ta' presepji. Is-Sindku infurmat li tkellmet mal-għaqdiet fejn issuġġeriet li tali kors isir fis-sit tagħhom, imma s'issa għad m'għandix risposta. Dan il-kors jikkonsisti f'demostrazzjoni ta' xogħol fuq presepji u hu imqassam fuq 3 t'ijiem, fejn in-nies li jipparteċipaw (bi ħlas) jingħataw ikel u kafe. |
| | | |
| 46.2.3 | | Fir-rigward ta' punt 45.7.1 – Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fuq dan fil-Kunsill kien hemm qbil u jixtieq li titniżżel fil-minuti. Hu qal li skond wieħed mis-sidien l-aċċess li kien hemm għall-Munqar kien riċenti.<br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard staqsiet x'artijiet hemm pubbliċi u artijiet tal-gvern. Hi qalet li jeħtieġ li l-avukat jara dan il-każ u jġib tali informazzjoni. |
| | | |
| 46.2.4 | | Fuq punt 45.7.5 il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li l-Kunsill irid jibda biex jistaqsi lill-Perit jekk jistgħux isiru *underground parkings* f' Misraħ Mattia Preti u Triq Carmelo Caruana. |
| | | |
| 46.2.5 | | Ġew approvati l-minuti tal-ħamsa u għerbien -il seduta.<br><br>F'dan il-ħin daħal il-Kunsillier Kaydem Schembri (18:40) |
| | | |
| ***46.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 46.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Inħareġ avviż biex dawk li jafu jagħmlu artiġġjanat javviċinaw il-Kunsill biex isir lista ta' dawn in-nies.<br>• Ġieħ Ewlieni u Festa Ħut ser isiru 27 u 28 ta' Mejju.<br>• Kien hemm komunikazzjoni mas-Sindku ta' Morphou li jixtieq iġib grupp minn Morphou għal Jum iż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Omm Justin Pace t-tifel li miet fi Ġnien il-Ġibjun xtaqet li fil-grawnd, jitpoġġa l-isem tat-tifel u jissemma għalih peress li kien tilef ħajtu hemm. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fil-ġimgħa l-kbira Puttinu jagħmlu ġabra ta' flus. Is-Sindku ġiet mitluba biex tiġbor fondi f'isem Puttinu u jintbgħatu waqt l-attivita tal-ġbir. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Kellha komunikazzjoni mal-Prim Ministru u tkellmet fuq it-tlett id-djar tan-nigret u l-problema tat-traffiku li hemm. Tkellmet miegħu ukoll fuq il-cat cafe u l-problema ta' permessi għas-saqaf tiegħu. Inġabret il-komunikazzjoni kollha li l-Kunsill ilu jagħmel u intbgħatet lill-persuna li ggwidha fuqha hu.<br>• Il-Kunsill ġie mħeġġeġ biex jiffirma MOU mal-Active Ageing and Community Care (AACC) biex isiru taħdidiet informattivi, aċċessibbilta aħjar għall-persuni bid-dementia u attivitajiet. Kien hemm qbil li tali MOU jiġi ffirmat. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| | | |
| *46.4* | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| | | |
| 46.4.1 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• Li kien inqala bin, minn Vjal l-Indipendenza fejn bus stop u n-nies li jkunu qed jistennew tal-linja qed jarmu fil-parapetti tan-nies. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li hu kien ressaq fis-seduta biex jinqala għax kien qed jostakola l-bankina. Ma kienx hemm qbil li jerġa jsir.<br>• Isir lastiku mat-tappiera ta' Misraħ Repubblika għax qed tħabbat<br>• Kien hemm inċident ieħor fi Vjal ix-Xarolla jeħtieġ li jsir xi ħaġa. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob lit-TM x'intervent jista jsir biex jiġu evitati l-inċidenti. |
| | | |
| 46.4.2 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li hemm bżonn jinqata ħaxix fi Triq il-Barrieri fejn hemm it-taraġ. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| 46.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• ilu javża li d-dawl ta' mas-salib ta' Triq il-kbira jinsab maqtugħ. Is-Sindku qalet li qed titrippja s-*curcuit breaker*.<br>• Cleansing Department mhux qed jagħmlu xogħol tajjeb, il-ħaddiema jidħlu jieħdu te biss mll-ħwienet u mhux qed jagħmlu xogħol. Il-ħmieġ fejn is-Salib ilu hemm xhur, il-bidu tal- Triq il-Karmnu mandra, l-isqaqin mandra, ħaxix mhux qed jinqata minn imkien, u bħal ma jgħidu meta l-oġġett indara ma jibqa jsir xejn tajjeb. Hu żied jgħid li l-kenniesa kollha jitefgħu jpejpu fil-ħwienet jew fil-ġonna. Meta xi darba jinkines il-boroż mhux jinġabru. Is-Sindku qalet li kuljum isir ħafna xogħol u jintbgħatu ritratti ta' dak li jsir.<br>• fil-playing fields hemm siġar li meta jpoġġu l-għasafar fuqhom iħamġu l-bandli. Jeħtieġ li jinqatgħu tali friegħi. Kien hemm qbil li jibdew jinħaslu għax l-ERA ma taċċettax li jinqatgħu.<br>• Fanali fi ġnien l-Ewropa maqtugħin. Is-Sindku qalet li avżat lill-kuntrattur għax hemm 9 bozoz maqtugħa. |
| | | |
| 46.4.4 | | Il-Kunsillier Kyle Misfud qal:<br>• fis- 16 jew 23 ta' April ser tiġi organizzata attivita għal wara l-Għid, mis-sotto kumitat attivitajiet, dettalji jingħataw aktar 'l quddiem.<br>• Inqabdu lill-ħaddiema taż-Żurrieq, iduru ż-Żurrieq għal tabelli li iffejdjaw biex jiġu ornati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi kull tabella li tara ħażina, tordna. Talbet li min jara xi tabella jinfurmha.<br><br>F'dan il-punt il-Kunsillier Kyle Mifsud ħareġ mis-seduta (ħin 19:00) |

| | | |
|---|---|---|
| 46.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• Iż-żewġ bozoz ta' quddiem il-bieb tal-kappella tal-Lunzjata jinsabu maqtugħa. Is-Sindku qalet li l-bozoz tal-art kollha maqtugħa, għax hemm ħsara kbira taħt l-art. Il-perit infurmha li meta jkun hemm bozoz mal-art dejjem ikollhom ħafna ħsarat.<br>• Biex minn Sqaq Ballott jinqata l-ħaxix<br>• Fil-playing area ta' Triq Fra Gan Marie Zammit hemm bżonn li jsiru żewġ playing aquipment żgħar oħra. Kien hemm qbil.<br>• Fi Triq Ħal Far hemm triq għadha bla wiċċ. Ser jgħamel site plan u tiġi mgħoddija lil-Infrasturcture Malta. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Staqsa fuq s-CCTVs – Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill qed jistenna mingħand l-avukat għar-rapport tad-DPO. |
| | | |
| 46.4.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li din is-sena l-orkestra ser tagħlaq 10 snin u ġiet mistiedna biex iddoqq fit-Teatru Manuel fil-bidu ta' Ottubru, ser ikun hemm xi spejjeż involuti bħal sound, transport etc. Min ser jattendi jkollu bżonn iħallas biex jiġu irkuprati l-ispejjeż. Iridu jitħalsu ukoll ir-rights tal-mużika li ser tindaqq. Pedara aċċettaw ukoll li l-orkestra tagħmel kunċert fis-7 ta' Awwissu u hu qal li bdew il-preparamenti biex bejn l-4 sa 9 ta' Awwissu, l-orkestra titla Pedara. Aċċettaw li jmorru 40 mużiċist. Qed jiġi ikkalkulat li jitilgħu xi 80 ruħ għal din l-okkażjoni u għalhekk qed jissuġġerixxi li titla l-impjegata Francesca Camilleri biex tgħin f'din l-attivita u li jinqala tirranġa hi u li din titla bla ħlas. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Pedara lesti li jħalsu t-trasport tad-delegazzjoni huma. Is-Sindku staqsiet jekk din l-attivita hux ser toħroġ għar-residenti Żrieraq ukoll minħabba l-ġemellaġġ. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li bejn l-mużiċisti u l-partners tagħhom ma tantx ser ikun hemm post biex jitilgħu resident. Talab li l-mużiċisti jiġu ssusidjati. Il-Kunsillier Marisa D'Amato ssuġġeriet li tintalab l-għajnuna tal-Ministeru tal-Kultura u li tintalab titjira chartered. |
| | | |
| 46.4.6 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal:<br>Il-bieraħ fuq il-ġurnal it-Times kien hemm artiklu fuq applikazzjoni ta' bini ta' 5 sulari ġo Santa Lucia u għandu relevanza qawwija ħafna għaż-Żurrieq. Din kienet fuq dar ta' żewġ sulari li ridu li ssir b'ħames sulari. Dan il-każ daħal il-qorti u d-deċiżjoni tagħha dawret il-policy tal-PA re local plan. Din tagħat saħħa kbira lill-kulħadd.<br><br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li l-Kunsill imissu li meta jara li għandu każ ;l ma jaqbilx miegħu għax ikun evidenti li ħażin, għandu jibqa jinsisti, anke jekk ikun hemm bżonn bil-qorti. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li fuq id-dar ta' Triq Frangisk Coleiro li trid titwaqqa biex tinbena binja ta' 5 sulari u fuq il-binja ta' Triq il-Mitħna tal-Qaret, ma jaqbilx u jrid li l-Kunsill joġġezzjona. F'dan il-punt il-konsulent tal-Kunsill re PA, qal li l-konsultazzjoni fuq ta' Triq il-Mitħna tal-Qaret għalqet u ma tiġix ikkunsidrata l-oġġezzjoni tal-Kunsill.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jħossu irrabjat u muġugħ bl-isfreġju li qed isir fiż-Żurrieq u li bis-sulari, cranes u trinek fit-toroq, iż-Żurrieq m'għadux jingħaraf. |
| | | |
| ***46.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **46.6.1** | | **Data tal-laqgħa Annwali tal-Lokalita'** |
| | | |
| 46.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li f'April imiss li ssir laqgħa annwali għall-komunita. Kien hemm qbil li l-laqgħa ssir qabel is-seduta tax-xahar fit- 12 ta' April. |
| | | |
| ***46.7.2*** | | ***Spjegazzjoni tal-Accounts (Ser tkun preżenti l-Accountant tal-Kunsill Lokali)*** |
| | | |
| 46.7.2 | | F'dan il-ħin l-Accountant qalet li l-financial statements ġew approvati. Il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill hi tajba ħafna. Hemm finanzi biex jintnefqu fil-proġetti kapitali li qabel magħhom il-Kunsill. L-awditjar sar u issa l-kunsill qed jistenna l-feedback mingħandhom.<br>Il-Kunsill irringrazzjha tas-servizz li tagħti. |
| | | |
| ***46.8*** | | ***Devoluzzjoni - Torri tal-Wardija*** |
| | | |
| 46.8.1 | | Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tat-Torri tal-Wardija, sabiex ikun jista jieħu ħsiebu hu, u jkun jista jibda jinfetaħ għall-pubbliku u jsiru wirjiet kulturali fih.<br>Wara li kien ġie rrestawrat dan baqgħa magħluq u qed terġa issirlu l-ħsara. |
| | | |
| | | |
| ***46.9*** | | ***PA/1440/23 – Ħanut Take away Triq it-Taħħan (ser ikun preżenti l-konsulent tal-Kunsill)*** |
| | | |
| 46.9.1 | | F'dan il-ħin daħal il-konsulent tal-Kunsill biex jispjega fuq il-permessi li qed jintalbu fuq bini ġdid. Kellu jkun preżenti ukoll l-applikant u l-perit tal-Ħanut take away imma ftit ħin qabel bdiet is-seduta informa li ma setgħax jiġi.<br><br>Il-Konsulent tal-Kunsill, talab biex is-sid tal-post, jagħti spjegazzjoni, għaliex il-ħanut ser ikun maqsum bi ħġieġa, imma ma ġietx mgħotija spjegazzjoni.<br>PA qabel ma tagħti permess ta' *Take away shop* tara x'hemm fil-madwar u jekk il-madwar hu residenzjali ma jingħatawx permessi għall-ħwienet tal-ikel.<br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ħanut bħal dak hu *asset* għaż-Żurrieq u ma jarax għalfejn irid joġġezzjona. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Wara lis-spjegazzjoni mill-Konsulent tal-Kunsill, kien hemm qbil li l-Kunsill joġġezzjona għaliex kellu ilmenti minn residenti tal-viċinanzi ta' dan is-sit u għax it-triq/ iż-żona, ma tippermettix li jsir *take away shop*. |
| | | |
| | | |
| **46.8** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***46.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 46.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Id-delettanti tan-nar ta' Bubaqra f'isem is-Soċjeta Mużikali Santa Katarina VM talbu l-approvazzjoni ta' 6 ħofriet f'Misraħ Santa Marija biex isir il-logħob tan-nar waqt il-festa. Kien hemm qbil li tinġib aktar informazzjoni – fejn ser ikunu (indikaw fuq pjanta), tinġibed attenzjoni li fil-post hemm shelter, jiġu mistoqsija jekk hux ser ikun hemm assigurazzjoni lejn ir-residenti meta jsir il-ħruq tan-nar, u meta ser ikunu użati.<br>• Intbagħtu r-regolamenti aġġustati fuq l-għoti tal-premju Ċittadin Ewlieni u Ġieħ iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li jinfetħu l-applikazzjonijiet fl-1 ta' April u jgħalqu fl-aħħar ta' April. Mal-formula jingħataw ir regolamenti .<br>• Inbdew il-preparamenti għal ġirja ta' Jum iż-Żurrieq 5k għal kbar u 2k għat-tfal, bl-għajjnuna taż-Żurrieq Wolves Athletics. Qed naħdmu bħal dak li ħdimna s-sena l-oħra.<br>• Intalbet ir-write up tal-kunsill news li jmiss.<br>• Il-konsulent tal-Kunsill fuq PA, ġibed l-attenzjoni fuq PA 1708/23 fuq applikazzjoni ta' ħames sulari fi Triq Frangisk Coleiro. Kien hemm qbil li l-Kunsill joġġezzjona.<br>• Il-Kumitat tal-Għaqda Karmelitana u Banda QV qed jitolbu permess ta' 4 xhur għal crane li ser ikun ipparkjat fi Triq P P Saydon biex isir xogħol infrasturtturali fil-każin. Kien hemm qbil li tintbagħat aktar informazzjoni b'email u jerġa jiġi diskuss il-każ. |
| | | |
| 46.9.2 | | Inħarġu skemi fuq Kultura, Cleanup Campaign u Manutenzjoni ta' libreriji pubbliċi, Komunitajiet aktar siguri u organizzati u fondi ta' Manutenzjoni u sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali maġġuri imwettqa mill-Gvern Ċentrali.<br><br>Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jorganizza l-attivita' tal-Clean up taħt l-appikazzjoni ***SPI/SCI/03/2023 – The World Cleanup Campaign 2023***. Din trid issir bejn is-6 u 26 ta' Settembru. Kien hemm qbil li l-attivita' issir fil-post ta' wara l-Ġnien tal-Ġibjun, u nitolbu l-għajnuna taż-Żgħażagħ (tal-Knisja) Youth fusion. Kien hemm qbil li d-data tkun 16 ta' Settembru. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 46.9.3 | | ***Fir-rigward ta' isem l-applikazzjoni SPI/SCI/02/2023 – Espressjoni ta' Interess għal servizz ta' manutenzjoni fil-libreriji lokali u reġjonali fil-lokalitajiet madwar Malta u Għawdex***<br><br>Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill japplika għal fondi fuq tisbieħ ta' ħitan b'pittura. Il-Kunsillier Kaydem Schembri ser jieħu ħsieb l-applikazzjoni. |
| | | |
| 46.9.4 | | Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mal-WSC fejn ġew infurmati li ser jinġieb kwalita' ta' ilma tajba (New Water) għat-tisqija tal-għelieqi. Il-bdiewa taż-Żurrieq ser ikunu fost l-ewwel bdiewa li ser jibbenifikaw minn dan l-ilma u Sistema ġdida f'Malta. Ser ikollhom aċċess għall-ilma fil-viċinanzi tal-għelieqi tagħhom. |
| | | |
| 46.9.5 | | Fil-jiem li ġejjien ser tiġi organizzata laqgħa għal dawk li joqgħodu/għandhom l-għalqa tagħhom, fi Triq l-Għerien, Triq il-Barrieri, Triq Wied Babu, Triq Frangisk Coleiro, Triq il-Mithna tal-Qaret, Triq il-Veduta, Triq il-Parit, Triq Wied Ganu, Sqaq il-Waħx, Triq il-Wardija, Triq l-Arċipriet E Mifsud, Triq San Porfirju, Triq l-Imwieġel, Sqaq Ballott u Triq Hal Far. Sabiex kull min irid aktar informazzjoni, jkun jista jitlobha waqt li jkun hemm rappreżentanti tal-korporazzjoni tal-ilma. Id-data u l-ħin ser jingħataw aktar 'l quddiem. Il-Kunsill ġie mwiegħed li f'toroq li huma b'wiċċ tajjeb ser isir resurfacing full width tagħhom.<br><br>F'dan il-ħin ħareġ mis-seduta l-Viċi Sindku (ħin 20:50) |
| | | |
| 46.9.6 | | Fir-rigward tal-proġett ta' Misraħ Repubblika, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Perit William Lewis bagħat proposta ta' rotta għat-trasport fiċ-ċentru tar-raħal. Kien hemm qbil li issir laqgħa oħra mal-Perit fil-ġimgħa li ġejja sabiex jiġi diskuss dan il-pjan. |
| | | |
| | | |
| ***46.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-<br>ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 46.10.1 | | Ġew approvati l-minuti ta' Reġjun Punent numru 17. |
| | | |
| ***46.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 46.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 1** għall-ammont totali ta' €74,836.53<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Kunsilliera Kaydem Schembri u Dino Bonnici. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***46.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 46.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-21:15. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 12 ta' APRIL, 2023, fis-6:30 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _12 ta' APRIL, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Rita Grima | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |